MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2361/2003

**Flavio Abdilla**

**vs**

**Kevin Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Novembru, 2003 fejn intqal:**
**Illi prevja d-dikjarazzjoni li l-incident awtomobilistiku li sehh fl-4 t'Ottubru, 2003 ghal habta tad-9.30am gewwa Hal-Qormi, sehh b'tort uniku tal-konvenut Kevin Caruana meta bi traskuragni, b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, bil-vettura tieghu tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni ABF-138 huwa baqa' diehel fuq wara tal-vettura misjuqa mill-attur tal-marka Fiat Regata bin-numru ta' registrazzjoni CAO-078, u kkawza danni lill-attur,**

**liema danni ghandhom jigu likwidati ghalkemm ma jeccedux is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500), biex b'hekk il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat in via ta' danni sofferti fl-incident fuq imsemmi;**
**Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali pprezentata f'Ottubru, 2003, bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz sad-data tal-hlas eventwali kollha kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.**

**Ra l-affidavit ta' Ingrid Caroline Billstrom u ta' Frida Marie Uhrbom, kif ukoll id-dokumenti esebiti.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fit-8 ta' Jannar, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ikkunsidra**
**1. Illi il-konvenut baqa' kontumaci.**
**2. Illi d-danni li sofra l-attur kienu jammontaw ghal hames mija u dsatax-il lira u disghin centezmu (Lm519.90) kif jirrizulta mid-Dok.D esebit.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici jsib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u dsatax-il lira u disghin centezmu (Lm519.90) bl-imghax legali mill-31 ta' Ottubru, 2003 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata f'Ottubru, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------